**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Christian Said**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Gunju 2020 - migjuba kontra:

Christian Said, 36 sena, iben Michael u Emanuela Sciberras, imwieled tal-Pieta' nhar is-17 ta' Mejju 1983, residenti 30, Blk AI, Fl2, Triq Mater Boni Consilii Fgrua u detentur tal-karta tal-identita' numru 103884M

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' nofs in-nhar nieqas kwart (11:45hrs) gewwa 30, BIk Al, FI2, Triq Mater Boni Consilii, Fgura:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huh Reno Said hekk kif gie ccertifikat minn Dr. M. Mallia numru ta' registrazzjoni 2299 mic-Centru tas-Sahha ta' Paola.

   Kif ukoll, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispolizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Artiklu 18 tal- Kodici Kriminali tal- Kap 9

2. Talli fl-20 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' 04:15hrs minn Triq San Xmun, Fgura, ikkometta serq ta' Mobile (Samsung) minn vettura tal-ghamla Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni JBE-195 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Jason Farrugia u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikoli 261 (b), (f) u (g), 263, 270 u 271(g) tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta

3. Talli bejn id-9 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' bejn 20:00hrs u l-20 ta' Marzu 2020 ghall-habta 07:30hrs minn Triq il-Bieb Fgura ikkometta serq ta' car sterio li jiswa madwar 105Euro u 10Euro fi flus minn vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni EBL-715 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Thomas Meilak u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikoli 261 (b), (f), (g), 263, 270 u 271(9) tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli bejn 16 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' 15:30hrs u 17 ta' Marzu 2020 ghall-habta tal-05:00hrs minn Triq il-Buqexrem, Fgura ikkometta serq ta' flus ta' madwar 1,580 Euro fost dokumenti u cards tal-bank li kienu, mqassma gewwa cash box u zewg kartieri minn vettura tal-ghamla Dacia Duster bi numru ta' registrazjoni BLY-078 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Christopher Raymond Debono u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikoli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270, 271(g) u 279 (a) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

5. Talli bejn 15 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' 16:30hrs u 16 ta' Marzu 2020 ghall-habta 14:20hrs minn Triq San Xmun, Fgura ikkometta serq ta' ghodda li tiswa madwar 200 Euro, minn vettura tal-ghamla Toyota Townace bin0numru ta' registrazzjoni PIC-147 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Steven Wayne Collins u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 270 u 271(g) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Talli fit-13 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' 20:05hrs minn Triq San Edwardu, Paola, ikkometta serq ta' flus (20 Euro) minn vettura tal-ghamla Maruti 800 bin-numru ta' registraz\joni HAW-218 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Shawn Tabone u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikoli 261 (b), (f), (g), 263, 270 u 271(g) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Talli fl-4 ta' Novembru 2019 ghall-habta tal-10:00hrs u 10:30hrs minn Triq l-Isponsun, Fgura, ikkometta serq ta' kartiera kontinenti 30 Euro fi flus kif ukoll dokumenti u cards tal-bank minn vettura tal-ghamla Suzuki Super Carry bi numru ta' registrazjoni EAI-795 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Josephine Zammit u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikli 261 (b), (f) (g), 263, 270, 271(g) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluz fil-mori tal-kawza kontra Christian Said a beneficju ta' Reno Said u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-Reno Said u tal-familja tieghu sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Christian Said b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

**2.** Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-1 ta' Marzu 2022 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 281(b), 284 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 281(b), 284 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 281(b), 284 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 281(b), 284 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 281(b), 284 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 281(b) 284 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigi trattati bil-procedura sommarja.

**4.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**5.** Rat li fis-seduta tal-11 t'Awwissu 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu apparti dik enumerata numru wiehed (1) u l-addebitu tar-recediva. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu, li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tletin (30) sena prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jikkonferma il-pozizzjoni tieghu.

**6.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv u hu wiegeb wkoll li qed jikkonferma l-ammissjoni parzjali tieghu

**7.** Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-mertu tal-imputazzjoni numru wiehed (1), l-addebitu tar-recediva, dwar ir-reat kontinwat u dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

_L-Ewwel Imputazzjoni – Li ikkaguna ferita gravi lil huh Reno Said_

**8.** L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija li ikkaguna ferita gravi lil huh Reno Said fl-20 ta' Marzu 2020.

**9.** Fis-seduta tas-11 ta' Gunju 2022 gie registrat is-segwenti verbal:

*"Dr Francesca Zarb ghall-parte civile tiddikjara li l-parte civile huwa hu l-imputat u jixtieq jirrinunzja ghal dak kolu li hu rinunzjabbli kontra huh peress li dan kien inciden ta' darba li kien hemm bejniethom.*

*In oltre l-parte civile mhux qed jinsisti li l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga kontra tieghu tibqa' in vigore.*

*Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li tinsisti li l-parte civile titla tixhed. … …*
*Xehed bil-gurament Reno Said.*

*Tenut kont tac-cirkostanzi kollha inkluz il-fatt li mi-xxhieda tal-Ispettur Sarah Zerafa jirrizulta li jekk jaghzel li jixhed il-parte civile jista' jinkrimina ruhu, il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 633(2) tezenta lil dan ix-xhud milli jixhed kontra huh."*

**10.** F'dawn il-proceduri xehedu ukoll l-Ufficjal Prosekutur Sarah Kathleen Zerafa, it-tabib Dr Martin Mallia, WPS Miriam Lia u l-espert Dr Mario Scerri mahtur minn din il-Qorti.

**11.** L-Ufficjal Prosekutur xehdet fl-20 ta' Marzu 2020 kienu gew infumrati mill-Control Room tal-Pulizija li fi Triq Mater Boni Consilii, go dar il-Fugra kien hemm argument, fejn intuzaw xi skieken. Il-Pulizija marru fuq il-post u kellmu lil Reno Said li qalilhom li huh, l-imputat, kien argumenta mieghu fuq argument fieragh bl-idejn u kellu arma taqta' u bil-ponta. Reno Said mar ic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid biex jaghmel certifikat mediku. Meta hi interrogat lill-imputat hu ammetta li kien hemm glieda ma' huh, imma l-argument kien min-naha tat-tnejn. Pero l-imputat irrifjuta li jghid x'gara bejniethom Hija qalet ukoll li l-imputat kellu xi griehi fuqu, li hu qal saru waqt l-argument li kellu ma huh.

**12.** WPS 269 Miriam Lia ikkonfermat ir-rapport li Reno Said ghamel mal-Pulizija. Minn dan ir-rapport jirrizulta li skond Reno Said, huwa rega' kellu argument iehor mal-imputat id-dar, fejn l-imputat faqa' vazun fuq rasu.

**13.** It-tabib Martin Mallia mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid ikkonferma c-certifikat mediku minnu rilaxxat fl-20 ta' Marzu 2020. Huwa qal li meta ezamina lill-imputat sab li dan kellu ferita miftuha fuq in-naha ta' fuq ta' rasu, li kellha bzonn il-punti, qatgha ohra zghira fuq in-naha tax-xellug ta' rasu, li kellha bzonn il-punti wkoll, u kellu qasma fil-gilda, quddiem widintu ix-xellugija, li ma kellhiex bzonn punti. Huwa ikklasifika dawn il-feriti bhala gravi, stante li setghu ihallu sfregu fil-wicc.

**14.** L-espert Dr Mario Scerri ezamina lil Reno Said fil-21 ta' Dicembru 2021. Waqt l-ezami mediko-legali Reno Said allega li madwar sentejn qabel kien involut f'incident ma' huh l-imputat, fejn Reno Said allega li qala' daqqa' ta ras minghand huh, waqt li dawn kienu fir-residenza ta' ommhom. Reno Said kellu cikatrici rqieqa hafna ma tidhirx within *talking* distance, li kienet qieghda fuq il-qurrija taht il-livell tax-xahar. Skont l-espert,

din ic-cikatrici kienet rizultat ta' *blunt trauma*. Ma kienx hemm lezjonijiet ohra vizibli fuq il-persuna ta' Reno Said.

**15.** Mill-provi jirrizulta li fl-20 ta' Marzu 2020, Reno Said kien isofri minn griehi ta' natura gravi. Pero il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi sufficjenti li jistghu iwasslu persuna ragonevoli tikkonkludi lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li ikkagunalu dawn il-feriti. Kif diga inghad aktar il-fuq, dan ma garax minhabba xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni, li debitament harrket lill-parti leza sabiex tixhed, izda ghaliex din il-Qorti laqghet it-talba ta' Reno Said, hu l-impuat sabiex ma jixhidx, anke sabiex ma jinkriminax ruhu. Effettivament, iktar tard fil-proceduri, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2021, Reno Said xehed li ma kellux oggezzjoni li l-imputat jerggha jmur joqghod fid-dar fejn huma t-tnejn kienu joqghodu ma' ommhom.

**16.** Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parti leza, u fin-nuqqas ta' xhieda okulari jew provi ohra dwar id-dinamika ta' l-incident, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat fuq din l-ewwel imputazzjoni, ghalkemm huma provi ammessibbli, huma biss prova ta' l-informazzjoni li l-parti leza tat lil dawn ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u li se mai setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-parti leza, kieku din xehdet. Pero dawn il-provi wahedhom certament mhux bizzejjed biex jippruvaw htija sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, stante li ma jikkostitwux prova tal-verita tal-fatti li rrakkontat lilhom il-parti leza. Dawn il-persuni li xehdu kollha hadu l-informazzjoni taghhom minn dak li qaltilhom il-parti leza. La darba, il-parti leza ma xehditx, ix-xhieda ta' dawn il-persuni ma tistax tigi kkontrollata.

**17.** Fid-dawl tas-suespost, din l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*It-Tieni sas-Seba' imputazzjonijiet kontra l-imputat – Sitt imputazzjonijiet differenti ta' Serq Ikkwalifikat*

**18.** Mill-provi prodotti, u fuq ammissjoni tieghu stess, din il-Qorti issib lill-imputat hati ta' dawn is-sitt imputazzjonijiet ta' serq dedotti kontra tieghu.

**19.** Meta ammetta ghal dawn l-imputazzjonijiet, l-imputat ammetta wkoll li dawn is-sitt reati saru bhala reat kontinwat – ghaliex huwa irregistra *"ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet kollha apparti dik enumerata numru wiehed (1) u l-addebitu tar-recidiva."* Pero fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur issottomettiet li r-reat ta' serq huwa reat istantanju, u ghalhekk ma jistghax jinghad li dawn is-sitt serqiet jikkostitwixxu reat kontinwat.

**20.** Fin-noti tieghu il-**Prof. Anthony Mamo** jghid li sabiex ikun hemm reat kontinwat jehtieg li jigu sodisfatti dawn ir-rekwiziti:

*"1. A plurality of violations of*
*2. the same provision of the criminal law, committed in pursuance of*
*3. the same resolution"*[1]

**21.** Fil-kaz odjern ghalkemm l-imputat ammetta li ikkommetta sitt serqiet differenti, dawn is-serqiet m'humiex kwalifikati kollha bl-istess mod, u ghalhekk ma jistghax jinghad li hemm ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi. In oltre, ghar-rigward it-tielet rekwizit u cioe li r-reati ikunu saru b'risoluzzjoni wahda, il-**Prof. Mamo** jghid hekk:[2]

*"… … (O)ne must not fall into the opposite extreme of confusing the resolution or design with the habit or tendency to delinquency or with the ultimate motive which induces a man to commit several crimes: … … So likewise if a pick-*pocket *goes about among a common crowd at a public feast and steals the watch of one man, the wallet of a second etc., he is guilty of several thefts and not of one continuous theft. In fact it is clear that, in such cases, … … each theft, is complete in itself, and a fresh resolution is formed … … in the case of the pick-*pocket*, each time the movements of the crowd offer him a fresh opportunity of carrying on his nefarious practices to the detriment of a neighbour."*

**22.** Fid-dawl ta' dan l-insenjament, huwa car li d-diversi serqiet kommessi mill-imputat ma jistghux jigu ikkunsidrati li saru b'risoluzzjoni wahda, u konsegwentement ma jistghax

---

[1] **Lectures on Criminal Law (First Years)** pagna 171.
[2] *Op. cit.* pagna 174.

jigi applikat ghal kaz odjern il-kuncett ta' reat kontinwat, kif preskritt fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

**23.** Fi kwalunkwe kaz, l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-Artikoli tal-ligi elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan l-Artikolu tal-ligi ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri.

*L-Addebitu tar-Recidiva*

**24.** Id-difiza issottometiet ukoll li l-addebitu tar-recidiva ma giex ippruvat stante li ghalkemm il-Prosekuzzjoni ezebiet kopja tas-sentenzi, u l-Assistent Registratur xehed li ma kienx hemm appell minn dawn is-sentenzi, ma saritx prova li l-multi imposti thallsu u lanqas saret prova li l-persuna ikkundannata f'dawk is-sentenzi hija l-imputat odjern.

**25.** Il-Qorti se tibda mis-sottomissjoni dwar in-nuqqas ta' prova li l-imputat huwa l-istess persuna li nstabet hatja fis-sentenzi esebiti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Brincat** deciza fit-30 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet li meta l-konnotati fil-komparixxi jaqblu ma' dawk fis-sentenza ezebita, u fil-fedina penali tal-imputat fejn hemm indikata s-sentenza ezebita, *"ma hemmx il-htiega li jitla' jiddeponi xi xhud li jagharaf il-wicc tal-appellant f'reati amministrativi ta' din ix-xorta meta l-identita' tista' facilment tigi stabbilita' bla ebda dubju ta' xejn mill-konnotati tal-imputatfiz-zewg kawzi."* Ghalkemm f'din is-sentenza, ir-reat kien wiehed amministrattiv, taht l-Att dwar il-Valur Mizjud, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan l-insenjament m'ghandhux japplika wkoll ghal kull reat kriminali iehor.

**26.** Fil-kaz odjern il-konnotati ta' isem, kunjom, post tat-twelid, data ta' twelid, isem il-genituri u l-karta tal-identita fl-erba' sentenzi ezebiti huma identici ghal dawk indikati fil-komparixxi tal-kawza odjerna. In oltre, dawn l-erba sentenzi huma imnizzlin ukoll fil-fedina penali tal-imputat, u f'din il-fedina penali, il-konnotati tal-imputat fuq imsemmija ukoll huma identici ghal dawk indikati fic-citazzjoni fil-komparixxi tal-

[3] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

kawza odjerna. Ghaldaqstant, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-hati f'dawn l-erba' sentenzi, huwa l-imputat odjern, u ma jista' jkun hadd iktar. Ghalhekk din is-sottomissjoni tad-difiza li m'hemmx prova tal-identita tal-imputat hija infondata.

**27.** Pero id-difiza ghandha ragun tghid li ghal fini tar-recidiva ma huwiex bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tezebixxi s-sentenzi relattivi u ggib prova li dawn is-sentenzi ma gewx appellati, jew huma res judicata. Dan ghaliex ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, il-perjodu relevanti ghal fini li tigi kalkolata r-recidiva jibda jiddekorri *"minn dak in-nhar li* [il-persuna kundannata] *tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena."* Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni jehtiegilha iggib ukoll prova li l-imputat skonta l-piena erogata fis-sentenzi precedenti, jew li dik il-piena giet mahfura.

**28.** Issa fil-kaz odjern, bl-ewwel sentenza ezebita, u cioe dik moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fil-11 ta' Jannar 2013 l-imputat gie imqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin. Ghaldaqstant, ma kienx hemm piena x'tigi skontata, u l-perjodu ta' tlett snin skada. Fir-rigward tat-tieni sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Ottubru 2014, l-imputat inghata sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin, ordnat il-konfiska tal-garanzija fl-ammont ta' hamest elef (€5,000), u multa ta' mitt Euro (€100), flimkien ma' multa amministrattiva. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova li din il-garanzija u dawn il-multi thallsu, u konsegwentement din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din is-sentenza ghal fini tar-recidiva. Fir-rigward tat-tielet sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Lulju 2015, fuq denunzja tal-Ufficjal tal-Probation, is-sentenza sospiza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2014 giet reza operattiva. Pero l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova li l-imputat skonta dan il-perjodu ta' prigunerija. Fir-raba' sentenza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Marzu 2017, l-imputat rega' tpogga taht ordni ta' probation ghal zmien tmintax (18)-il xahar, liema perjodu skada, u l-imputat ma kellux piena x'jiskonta.

**29.** Dan ifisser li ghal fini tar-recidiva, il-Qorti tista' tiehu biss konjizzjoni tas-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2013 u tat-8 ta' Marzu 2017 moghtija kontra l-imputat. Konsegwentement, l-addebitu tar-recidiva gie debitament ipprvat. Pero ghal fini tar-recidiva taht l-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, gie ippruvat li l-imputat kien hati ta' serq b'sentenza wahda biss – u cioe dik tat-8 ta' Marzu 2017.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**30.** Ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni ghar-reati tas-serq dedotti kontrieh, din l-ammissjoni certament ma tistax titqies bhala wahda bikrija, ghax saret wara li l-Prosekuzzjoni kien ghalqet l-istadju tal-provi taghha, u l-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju lil din il-Qorti. Effettivament l-imputat ammetta biss meta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni induna li kellu daru mal-hajt.

**31.** Il-fedina penali tal-imputat m'hix wahda felici. Huwa ghandu sitt (6) kundanni minn dawn il-Qrati: wahda ghal pussess semplici ta' sustanzi illeciti, erba' kundanni ghal diversi serq ikkwalifikat, u kundanna ghal ksur ta' sentenza sospiza. L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu b'zewg ordnijiet ta' probation, u sentenza sospiza b'ordni ta' supervizjoni li huwa kiser, u ordni ta' trattament. Pero l-imputat baqa' ma tghallem xejn u baqa' jippersisti fit-triq tal-kriminalita li qabad. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-ahhar kundanna li ghandu l-imputat hija ghal reat li ikkommetta minn gimgha sa gimghatejn wara li inghata l-liberta provvizorja minn din il-Qorti kif preseduta.

**32.** Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwi lill-imputat f'dawn il-proceduri taht ordni temporanja ta' supervizjoni, huwa cara li l-problema tal-imputat hija t-tossiko-dipendenza. Dawn hu wkoll ammess mid-difiza. Sa ftit xhur ilu hu kien qed jirrifjuta li jindirizza l-problema, minkejja l-opportunitajiet li inghata minn din il-Qorti biex jaghmel dan. Pero jidher li din l-ahhar sena, wara l-ahhar kundanna ta' prigunerija, l-imputat kellu ripensament, u qed jahdem biex jindirizza din il-problema. Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta, li huwa ghamel progress tajjeb fit-triq sabiex jaghmel programm shih ta' riabilitazzjoni. Il-Qorti tawgura li huwa jibqa' jippersevera f'dan il-ghan tieghu, fl-interess tieghu, tal-familja tieghu u tas-socjeta in generali. Pero huwa car ukoll li l-imputat mhux ser jirnexxielu jasal ghal dan il-ghan tieghu, jekk ma jkunx f'ambjent kontrollat bhal habs. B'lealta fit-trattazzjoni orali, d-difiza ukoll qablet li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja, pero issottomettiet li ghandha tkun lejn il-minimu.

**Konkluzjoni**

**33.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddiciedi billi:

1. Wara li rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-1 ta' Marzu 2022, u senjatament l-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati f'dawn l-Artikoli, u konsegentement mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u qed tilliberah minnha.

2. Wara li rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-1 ta' Marzu 2022, u wara li rat l-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 261(b)(c)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 49, 50, 289, 17, 31 u 20 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kollha fihom kontemplati, u konsegwentement hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, hlief ghal imputazzjoni tar-reat kontinwat, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames snin, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

3. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, salv dawk relatati mal-espert mediko-legali Dr Mario Scerri, u dan skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**